**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Analise Domancich

vs

The Cruise & Travel Group

CCT 53/18

6 ta' Frar 2019

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mir-rikorrenti fit-28 ta' Marzu 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' elfejn tmien mija u erbgha u sebghin Euro (€2,874), parti minn somma akbar imhallsa lill-azjenda intimata ghal *cruise* f' Novembru 2017, liema *cruise* ma kienx lahaq l-aspettativii taghha fis-sens illi kien hemm diversi nuqqasijiet abbord il-vapur li ma kienx jimmerita li jigi reklamat b'hames stilel.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata prezentata fid-19 ta' April 2018 fejn eccepiet li "The Cruise and Travel Group" mhijiex entitla legali u li din hija biss isem azjendali (*marketing name*) tal-kumpanija A.Von Brockdorff Services Ltd li huma l-agenti ta' Princess Cruises u li ghalhekk zgur mhijiex responsabbl ghal kwalunke nuqqasijiet li setghu kien hemm abbord il-vapur: illi ma gietx segwita l-procedura ai termini tal-artikolu 79 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk t-talba ghandha tigi respinta: illi bhala agenti ta' Princess Cruises huma jiehdu hsieb *bookings* u *reservations* u ma jistghux jassumu responsabbilta' ghal servizzi li johorgu l-barra minn dawn il-parametri partikolarment f'kaz bhal dan fejn dak li qed jigi ilmentat jirrigwarda servizzi abbord il-vapur; illi minghajr pregudizzju t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

Ra l-atti processwali, sema x-xhieda bil-gurament.

**Ikkunsidra;**

Irrizulta mill-provi illi f'Gunju 2017 ir-rikorrent bdiet taghmel ricerka ghal *honeymoon* u ltaqghat ma' *cruise* parikolari li kien imur l-Asia ma' Sapphire Princess (vapur li tifforma parti minn Princess Cruises) u li kien rapprezentat f'Malta minn ' The Cruise & Travel Group". Bdiet tikkomunika ma certa Daniela Galea li kienet tahdem fi hdan l-agenzija li qaltiha illi din kienet *5 star plus cruise liner* u ddecidet illi tibbukja. Hallset depozitu f'Gunju u l-bilanc li fadal f'Awwissu 2017.

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni l-azjenda intimata qieghda tinsisti li "The Cruise and Travel Group" mhijiex entita' skond il-ligi u fil-mori ta' din il-kawza u cjoe', fir-risposta tal-azjenda intimata u anke fl-ewwel udjenza, r-rikorrenti giet a konjizzjoni tal-fatt illi l-isem propju tal-agenzija huwa A.Von Brockdorff Services Limited u li "The Cruise and Travel Group' huwa biss isem azjendali. Ir-rikorrenti setghet kieku riedet talbet korrezzjoni fl-okkju sabiex tirifletti ahjar r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Pero' fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2018 Dr. Antoine Grima ghan-nom tar-rikorrenti ddikjara illi r-rikorrenti kienet dejjem ikkorispondiet ma' din l-entita u l-ilmenti taghha gew indirrizati lil kumpanija 'The Cruise and Travel Group' (ara dok AD) u ghaldaqstant ir-rekwiziti tal-ligi gew sodisfatti. Ghalhekk kwalunke gudikat irrid isir fil-konfront ta' din l-ahhar azjenda u mhux ta' xi kumpanija ohra li mhijiex fl-atti.

Illi r-rikorrenti bbazat l-azzjoni tieghu fuq l-email ezebita Dok AB - illi tirriferi ghal the Cruise & Travel Group b'ittri kbar. Vera wkoll illi fl-istess dokument b'ittri zghar fin-naha ta' isfel hemm indikati "Gollcher travel, A.Von Brockdorff Services Ltd u Thomas Smith, li jidhru illi kollha jaqghu taht l-umbrella ta' the Cruise & Travel Group. U jidher ukoll illi "Cruise and Travel" huwa msemmi fil-korrispondenza kollha mibghuta minn jew lil Hannah Smith - illi kienet tahdem mal-agenzija u li maghha r-rikorrenti ilmentat meta giet lura mill-vjagg. Pero' f'dokument iehor ukollipprezentat mir-rikorrenti (AD4), l-isem A.Von Brockdorff Services Ltd huwa indikat b'mod car u jidher illi l-hlas sar lil din il-kumpanija. It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li the Cruise & Travel Group huwa isem azjendali li jikopri fih il-kumpanija A. Von Brockdorff u li dan tal-ahhar huma l- agenti f'Malta ta' Princess Cruises u ghahekk jirifletti l-istess entita' guridika. Peress illi dan it-Tribunal mhuwiex marbut mad-dettami stretti ta' procedura (Art.23(3) tal-Kap 378) se jaghti l-beneficcju tad-dubju lir-rikorrenti u ghalhekk jichad l-ewwel eccezzjoni tal-azjenda intimata.

Gie eccepti ukoll in-nuqqas ta' osservanza tal-artikolu 79 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jaqa' fil-parti X tal-Kap 378 u jirreferi ghall-oggetti li huma mobbli u tangibbli - u cjoe' sitwazzjoni meta l-konsumatur ikun ircieva oggetti li mhuwiex konformi ma' dak illi kien ordna. Ghalhekk l-artikolu 79 zgur ma japplikax f'dan il-kaz u hawn ukoll it-Tribunal qieghed jichad din l-eccezzjoni preliminari.

Illi l-eccezzjoni l-ohra kollha jirrigwardaw il-mertu.

Ikkunsidra;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu, mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti kuntrattat mal-azjenda intimata ghal *cruise* ta' tnejn minn nies ghal erbatax - il gurnata. Dan il-*cruise* gie reklamat bhala *5 star plus* b'servizz '*top-notch*' u jidher illi dan kien fattur li influenza d-decizjoni tar-rikorrenti li taghzel dan il-*cruise*. Il-mawra kienet tinkludi wkoll lejl f'lukanda f'Singapore. Il-prezz imhallas kien ta' €5,740.26 u dan kien jinkludi t-titjiriet ghal tnejn (€1674), lejl f'Singapore (473.40) kif ukoll il-*cruise* (€3,592.86) pero' ma kienx jinkludi l-*excursions*, *tips* u xorb u li ghalihom ir-rikorrenti kkalkolat fl-ammont ta' €1,330. Fix-xhieda taghha r-rikorrenti tispjega illi waslet ghal figura ta' €2874.00 billi ikkalkulat 80 fil-mija tal-prezz tal-*cruise* - u cjoe' 80% x 3592.86. Dan

ifisser illi t-titjiriet, il-lukanda f'Singapore, it-tips, xorb u l-*excursions* mhumiex inkluzi f'dan il-kalkolu.

Illi skond ma xehdet ir-rikorrent, il-*cruise* kien problematiku mill-ewwel gurnata. Kienu gew avzati illi kellhom bidla fil-kamra u meta r-rikorrenti u zewgha waslu fuq il-vapur u dahlu fil-kamra sabu li l-bagalji taghhom ma kienux hemmhekk. Cemplu lir-*reception* izda ma hadu ebda sodisfazzjon u wara nofs siegha jew iktar zewgha sab il-bagalji fir-*reception area.* Minhabba dan id-dewmien ma lahqux kielu, pero' gew offruti *speciality dinner* jumejn wara f'wiehed mir-*restaurants.* Ilmentat ukoll fuq il-*queues* esagerati li kien hemm f'erba' granet minn erbatax. L-*excursions* ma kienux sodisfacenti u di piu l-istat tal-vapur ma kienx tajjeb, tant li anke l-kaptan ghamel apologija pubblika fuq dan il-fatt, almenu tlett darbiet. Kien hemm malintiz iehor meta l-koppja ma kienux mistiednin l-avveniment li ghalih ikunu mistiednin koppji ohra li qeghdin jiccelebraw anniversarju jew avveniment iehor. Il-problemi baqghu ghaddejin sal-ahhar gurnata meta fil-kamra taghhom sabu kartolina b'isem u kunjom ta' koppja ohra li kienu qeghdin jiccelebraw l-anniversarju. Qalet ukoll illi l-*entertainment* ma kienx sodisfacenti. Dawn l-ilmenti kollha gew kommunikati lil-azjenda intimata li baghtet l-ilmenti lil Princess Cruises, li min-naha taghhom filwaqt li skuzaw ruhhom offrewlhom kreditu ta' 300 dollaru ghal kull persuna (b'total ta' 600 dollaru), liema kumpens ma giex accettat mir-rikorrenti peress illi dan seta' jigi uzat biss fuq *cruise* iehor li ovvjament ma nterresatx lir-rikorrenti.

Illi min-naha l-ohra Hannah Smith, li xehdet ghan-nom tal-azjenda intimata spjegat illi peress illi l-koppja hadu *upgrade* tal-kamra tardivament (meta l-koppja xtaqu jgibu a konjizzjoni tal-*cruise liner* l-fatt illi kienu qeghdin fuq il-*honeymooon),* dan seta' kkreja l-malintiz u kienet il-raguni ghaliex il-bagalji ma waslux fil-kamra taghhom. Spjegat ukoll illi minhabba dan il-malintiz fejn tilfu cena, nghataw *complimentary jew speciality dinner* bhala kumpens.
Spjegat ukoll li l-excursions ma kienux ibbukjati mill-azjenda intimata u fuq il-*queues,* dina kienet xi haga normali li fuqha ma kellhom l-ebda kontroll. Rigward l-ilment tar-riceviment, skond ma qalet Hannah Smith, ir-rikorrenti u zewgha ma kienux intitolati li jattendu peress illi dan kien l-ewwel vjagg taghhom abbord dan il-vapur. Fl-ahhar Smith tikkoncedi illi l-istat tal-vapur ma kienx wiehed ghal kollox tajjeb u fil-fatt huma baghtu ritratti lil Princess Cruises li min-naha taghhom offrewlhom kreditu ta' sitt mitt dollaru fuq cruise iehor (300 dollaru - il persuna).

Ikkunsidra

Illi meta l-azjenda intimata rriklamat il-*cruise* partikolari, ghall-prezz partikolari, kienet qed tintrabat illi toffri dak is-servizz. Skond regolament 15(1) tar-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaggar, Pakkett Vaganzi: "L-organizzatur u, jew in-negozjant li jkun parti fil-kuntratt, ikun responsabbli lejn il-konsumatur ghat-twettiq sew ta' kull obbligu taht il-kuntratt, irrispettivament minn jekk dawk l-obbligi ghandhomx jitwettqu mill-organizzatur, min-negozjant, jew mill-provdituri l-ohra tas-servizzi". Imbaghad skond regolament 2, "negozjant tfisser il-persuna li tbiegh jew toffri ghall-bejgh il-pakkett organizzat mill-organizzatur". F'dan il-kaz il-pakkett inxtara minghand l-azjenda intimata.

Ghalhekk bil-hlas ta' dak il-prezz, ir-rikorrenti u zewgha kellhom dritt jippretendi illi jinghataw *5 star cruise* kif kien imwieghed. Dan is-servizz ma nghatax fl-intier tieghu, peress illi kien hemm nuqqasijiet, li, abbinati flimkien hallew toghma qarsa. It-Tribunal japprezza illi zbalji jistghu jsiru u xi dewmien 'l hawn u ' lhemm huwa mistenni, pero' jifhem ukoll illi meta dawn jigu ripetuti kwazi kuljum dan jista' facilment jaffetwa l-esperjenza, partikolarment meta l-ambjent fuq il-vapur ikun problematiku ukoll u ma jgieghlekx tinsa n-nuqqasijiet l-ohra. Fi kliem iehor, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrenti ma kienux ser jilmentaw mill-fatt li l-bagalji ma waslux fil-hin, jew li kien hemm malintiz fil-kunjom tal-koppja, kieku l-vapur kien lussuz u kien verament jirifletti l-hames stilel kif kien reklamat.

It-Tribunal jaqbel ukoll illi l-kumpens ta' sitt mitt dollaru li jissarraf f'kreditu iehor fuq *cruise* iehor mhuwiex gust fic-cirkostanzi.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qieghda titlob l-ammont ta' €2,874.00 li huwa tmenin fil-mija tal-prezz tal-cruise. It-Tribunal, filwaqt li jisimpatizza mal-posizzjoni tar-rikorrenti, jidhirlu illi dan l-ammont, apparti esagerat, mhuwiex legalment gustifikabbli. Fil-kontro-ezami taghha, r-rikorrenti tiddikjara illi *"apparti dak li hallast l-extras ghaliex il-cruise ma kienx all-inclusive - xorb, tips u excursions - jien ma hallast flus aktar. Jiena qed nippretendi l-80 percent - €2,874 bhala danni morali .....* "

It-Tribunal mhuwiex awtorizzat li jaghti figura bhal din bhala danni morali. Ir-rikorrenti ntavolat din il-kawza f'isimha biss u ghalhekk hemm persuna wahda li qieghda taghmel it-talba u dina biss hija intitolata li tircievi dawn id-danni morali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, u wara qies ic-cirkostanzi kollha, jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-azjenda intimata li thallas lir-rikorrenti s-somma ta' erba mija u hamsin Euro (€450.00). Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru